**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Sylvan Cilia**
**Joel Falzon**

**Illum 8 ta' Novembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sylvan Cilia detentur tal-karta tal-identita' 70499(M)

U

Joel Falzon detentur tal-karta tal-identita' 68495(M)

Lil Sylvan Cilia wahdu akkuzat talli f'xi zmien bejn Marzu u April 2018, fis-Siggiewi:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' izjed minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u li saret ghad-dannu ta' Joseph Cassar;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, ikkommetta serq ta' xatba, liema serq hu aggravat bil-lok, bil-hin u bil-valur liema valur huwa ta' izjed minn elfejn, tliet mija u

disgha u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€2,329.30) ghad-dannu ta' Joseph Cassar.

Lil Joel Falzon wahdu akkuzat talli f'xi zmien bejn Marzu u April 2018, fis-Siggiewi:

1. Kien komplici fid-delitt ta' hsara volontarja, meta b'xi mod li kien, xjentament, ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kien gie pprepart jew ikkunsmat u cioe' li volontarjemnt hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' izjed minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) li saret ghad-dannu ta' Joseph Cassar;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, kien komplici fid-delitt ta' serq aggravat, meta b'xi mod li jkun, xjentament, ghen jew asssita lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreprat jew ikkunsamat u cioe' ikkommetta serq ta' xatba, liema serq hu aggravat bil-lok, bil-hin u bil-valur, liema valur huwa ta' izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€2329.30) ghad-dannu ta' Joseph Cassar.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur Kylie Borg qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputati fis-seduta datata 8 ta' Novembru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' certifikat tat-twelid tal-imputati, fedina tal-penali tal-imputati, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali ta' Sylvan Cilia, zewg stqarrijiet tal-imputati, tliet stimi, zewg dikjarazzjoni ta' ritorn tax-xatba u zewg *current incident reports*.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputait b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, cara u inekwivoka maghmula mill-imputat u li ghalhekk din il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin sabiex tigbor il-provi, il-fedina penali netta ta' Joel Falzon u l-ammont tal-allegati hsarat li sofra l-parte civile.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 42(d), 267, 269(c), 270, 280(1) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. fuq ammissjoni, qed issib lill-imputati hatja tal-tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom, u qed tikkundannahom ghal perjodu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**